

Brussell, 4 ta' Mejju 2026  
(OR. en)

7984/1/26  
REV 1

ECOFIN 416  
UEM 127  
STATIS 20  
ECB  
EIB

**NOTA PUNT "I/A"**

---

|       |   |
|-------|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill              |
| lil:  | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| fi:   | 4 ta' Mejju 2026                              |

---

|          |   |
|----------|---|
| Suġġett: | DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar membru tal-Kumitat Konsultattiv Ewropew tal-Istatistika li jirrappreżenta lill-Kunsill (Kirchner) |
|----------|---|

---

1. Il-Kumitat Konsultattiv Ewropew tal-Istatistika (ESAC) ġie stabbilit bid-Deċiżjoni Nru 234/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008. L-għan tiegħu huwa li jikkontribwixxi għal kooperazzjoni mill-qrib fil-proċess tal-ippjanar tal-programmi sabiex titjeb il-governanza tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika u titjeb il-kwalità tal-istatistika Komunitarja.
2. F'konformità mal-Artikolu 4(b)(ii) tad-Deċiżjoni msemmija hawn fuq, membru wieħed tal-ESAC għandu jinħatar direttament mill-Kunsill.
3. Ir-rappreżentant attwali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għall-ESAC, is-Sa Ylva HEDÉN WESTERDAHL, li nħatret għall-ewwel mandat ta' ħames snin f'Jannar 2024, irriżenjat fit-18 ta' Diċembru 2025.

4. Huwa għalhekk meħtieġ li jinħatar membru ġdid li jirrappreżenta lill-Kunsill għall-bqija tal-mandat, li jintemm fl-10 ta' Frar 2029. Għaldaqstant jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ b'urġenza.
5. Fis-26 ta' Marzu 2026 il-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju rrakkomanda li l-Kunsill jaħtar lis-Sur Robert Kirchner bħala l-Membru l-ġdid li jirrappreżenta lill-Kunsill fl-ESAC.
6. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jistieden lill-Kunsill jadotta Deċiżjoni dwar il-ħatra tal-membru tal-Kumitat Konsultattiv Ewropew tal-Istatistika li jirrappreżenta lill-Kunsill, kif tinsab fid-dokument ST 7986/26, bħala "Punt A" f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss.

---